



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2016/2306(INI)**

25.1.2017

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika:  
Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017  
(2016/2306(INI))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Jean-Paul Denanot

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jikkunsidra li l-baġit tal-UE jista' jipprovdi valur miżjud għall-investiment u r-riformi strutturali fl-Istati Membri jekk ikun hemm sinerġija akbar bejn l-istrumenti eżistenti u jekk tiġi introdotta rabta bejn il-baġits tal-Istati Membri; jemmen, għaldaqstant, li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT), bħala dokument ta' politika importanti li jstipula l-kontenut bażiku għall-programmi nazzjonali ta' riforma, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u pjanijiet ta' implimentazzjoni, għandu jservi bħala linja gwida għall-Istati Membri u għat-tħejjija tal-baġits nazzjonali, bl-għan li jiġu introdotti soluzzjonijiet konġunti li jkunu viżibbli fil-baġits nazzjonali u marbuta mal-baġit tal-UE;
2. Jaqbel li mekkaniżmi ta' stabbiltà huma essenzjali, u jfakkar li l-implimentazzjoni tal-kriterji stabbiliti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-konformità magħhom għandhom ikunu prijorità għall-Istati Membri; jilqa' l-użu sħiħ tal-klawżoli ta' flessibbiltà eżistenti sabiex jiġu appoġġati investimenti u riformi strutturali akbar u jiġu trattati it-theddiet għas-sigurtà u l-influssi tar-rifuġjati;
3. Ifakkar li t-titjib tas-sistemi għall-ġbir tal-VAT u d-dazji doganali għandu jkun l-ogħla prijorità għall-Istati Membri kollha; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' lista sewda tal-UE tar-rifuġji fiskali, li għandha tkun infurzata permezz ta' sanzjonijiet kriminali sabiex jiġu trattati kumpaniji multinazzjonali li jevadu t-taxxi; jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva, li għandha ssaħħa l-attivitajiet transfruntiera u tnaqqas l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi introdotta riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji li tista' twassal għal riforma vera tal-finanzjament tal-UE mingħajr ma jiżdied il-piż tat-taxxa fuq iċ-ċittadini;
4. Iqis li t-tkabbir għadu mhux biżżejjed biex jinħolqu impjiegi li l-UE teħtieġ b'mod urġenti, speċjalment għaż-żgħażaġh tagħha, u li huwa neċessarju li jitħeġġeġ l-investiment pubbliku u privat fl-oqsma tal-infrastruttura, l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll tal-SMEs, u li jiġu promossi azzjonijiet biex jindirizzaw il-qgħad, bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jilqa' l-ispinta ulterjuri tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, li tinvolvi EUR 500 miljun addizzjonali taħt l-allokkazzjoni speċifika tal-YEI, flimkien ma' EUR 1 biljun mill-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu 2017-2020, li se jagħtu l-possibbiltà lil bosta Stati Membri li huma eliġibbli għall-YEI li jinvestu iktar mill-finanzjament tagħhom mill-FSE f'miżuri favur l-impjieg taż-żgħażaġh;
5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi estiż u jitwessa' l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) f'termini ta' durata kif ukoll ta' kapaċità finanzjarja; jenfasizza li t-tisħiħ tal-FEIS huwa importanti sabiex l-investiment jerġa' lura għax-xejra sostenibbli tiegħu fit-tul, sabiex ikompli jagħti riżultati konkreti, u jipprovdi ċertezza lill-promoturi tal-proġetti li xorta se jkunu jistgħu jħejju proġetti wara l-perjodu inizjali ta' investiment; jistenna aktar titjib fl-oqsma tal-addizzjonalità, il-kopertura ġeografika u settorjali, u t-trasparenza; jissottolinja l-potenzjal tas-sinerġiji bejn il-FEIS u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribut tagħhom għall-koeżjoni territorjali; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u daww

nazzjonali jinvolvu aħjar lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex tiġi indirizzata l-kapaċità baxxa tal-ġenerazzjoni ta' proġetti u l-kapaċità ta' self f'xi Stati Membri;

6. Itenni li l-investment u l-istimular tal-investment fl-innovazzjoni u l-ICT għandhom ikunu fil-qalba tal-politika ekonomika fil-livell tal-UE sabiex jiġi ġġenerat tkabbir sostenibbli;
7. Iqis li r-responsabbiltà tas-sistema bankarja trid tiżdied sabiex jiġu żgurati kemm l-investment fit-tul kif ukoll l-istabbiltà fis-swieq finanzjarji;
8. Jenfasizza l-importanza ta' politika ta' investment tal-UE ġusta u koeżiva li hija kapaċi tiġġenera t-tkabbir fl-UE, iżda saħansitra li tiffaċilita t-tnaqqis tad-distakki eżistenti bejn l-Istati Membri;
9. Jinsab konvint li l-SMEs u n-negozji ġodda huma essenzjali għall-iżvilupp futur tal-ekonomija tal-UE, u jtenni l-ħtieġa għal investment aktar qawwi u politiki fiskali mfassla biex jstimulawhom aktar;
10. Jinsab konvint li l-politika monetarja, jekk tkun appoġġjata bil-qawwa minn politika baġitarja xierqa, tista' tagħti spinta lill-iżvilupp ekonomiku, lit-tkabbir sostenibbli u lill-ħolqien tal-impjiegi;
11. Iqis li l-eżistenza ta' żviluppi demografiċi differenti f'kull Stat Membru għandha tagħti sinjal lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa li d-defiċits pubbliċi jitqiegħdu f'perspettiva;
12. Ifakkar li l-użu tal-FSIE huwa soġġett għal kundizzjonijiet makroekonomiċi; jistieden lill-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni tal-korrelazzjoni bejn il-governanza ekonomika tajba u l-kapaċità ta' assorbiment, tħeġġeġ l-użu tal-FSIE għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż billi ttawwal il-perjodu ta' aġġustament fiskali li fih jintużaw l-FSIE bħala miżura ta' akkumpanjament għall-implimentazzjoni tar-riformi strutturali u l-ksib ta' aktar investment;
13. Jenfasizza li, meta mqabbla ma' swieq oħra kbar bħall-Istati Uniti, l-UE għandha regoli fiskali stretti, leġislazzjoni mhux uniformi madwar l-Istati Membri u għadd kbir ta' limitazzjonijiet differenti li jirrappreżentaw xkiel għall-progress, għal soluzzjonijiet innovattivi u għat-tkabbir; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tidħol f'diskussjoni aktar dettaljata mal-Istati Membri dwar attivitajiet u regoli komuni li jeħtieġ jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE sabiex jiġi appoġġat l-iskambju ta' għarfien, l-esperjenzi, it-teknoloġiji, l-innovazzjoni, l-iżvilupp u t-tkabbir mgħaġġel ta' negozji ġodda qabel il-preżentazzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI  
OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.1.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 27 -: 2 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Victor Negrescu, Jan Olbrycht, Urmas Paet, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Paul Denanot, Ivana Maletić, Marco Valli
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Paul Brannen, Ulrike Lunacek